# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, l-Erbgha 26 ta' Ottubru, 2022

Avviz tat-Talba numru: 43/2022 CL

**GO p.l.c. (C 22334)**

**VERSUS**

**Dorabantu Cristian Na Jeni (212194A)**

it-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-8 ta' Frar, 2022 wara li l-konvenut kellu jaghti lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett elef erba' mija u tmienja u ghoxrin euro u erbgha u tletin centezmu (€3,428.34) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40922606. Illi minkejja li gie interpellat biex jhallas baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza u huwa ngunta ghas-subizzjoni. Bl-ispejjes,drittijiet, inkluz tal-ittra ufficjali numru 1024/21 u imghaxijiet legali.

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher xi rapprezentant jew xi difensur ghalih ghas-smigh ta' dan il-procediment.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ra illi fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2022, is-socjeta attrici pprezentat nota ta' riduzzjoni fejn irriduciet it-talba bl-ammont ta' €2015.33 u ghalhekk l-ammont dovut jammonta ghal-€1413.01. Fit- 28 ta' Settembru 2022, it-Tribunal kien innota li konvenut kien notifikat, izda la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu biex issehh kontestazzjoni tat-talba tal-attur. Ghalhekk, il-konvenut waqa' fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-udjenza tat-28 ta' Settembru, 2022, it-Tribunal sema' lil Maryanne Camilleri, in rapprezentanza tas-socjeta attrici tixhed, fejn iddikjarat illi hi Senior Credit Control

Officer u hemm €1,413.01 pendenti fuq il-kont nru: 40922606 u l-ammont mitlub kien gie ridott permess ta' nota li gieipprezentat f'Lulju 2022 izda minn dakinhar ma kien sar ebda hlas.

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Fil-kaz prezenti, u hekk kif registrat fl-udjenza tat-28 ta' Settembru, 2022, minkejja li l-konvenut gie debitament notifikata bl-atti processwali, la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu quddiem it-Tribunal fl-udjenza msemmija li kienet tmiss wara n-notifika lilu ta' l-atti. Tali konvenut, ghalhekk, kien giet dikjarata fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-imsemmija udjenza.

Ghalkemm kontumaci, tali stat silenzjuz ma jfissirx li l-parti konvenuta qed tammetti dak allegat u/jew pretiz mill-parti attrici, l'ghaliex xorta wahda jibqa' d-dmir ta' din l-ahhar parti li tipprova l-kaz taghha sa' dak il-grad probatorju rikjest mil-Ligi. Fill-kawza **Giuseppe Gerada v. Salvu Attard** ingahd illi "*ghalkemm il- konvenut jibqa' kontumaci, dan ma jaghtix lok ghall-prezunzjoni ta' abbandun tal-liti, ghad-difett ta' eccezzjonijiet legittimi, jew ghal adezjoni ghad-domanda; imma, inveci, ghas-suppozizzjoni ta' rimessjoni ghall-gustizzja tat- tribunal.*[1]"

Ghalhekk, fid-dawl tal-appena indikati provi mressqa mis-socjeta attrici – u anke, izda mhux biss, bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal, it-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak domandat mis-socjeta attrici fi procediment gudizzjarju bhal dan. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici hekk kif gie ridott, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut biex jhallas lill-istess socjeta attrici is-somma ta' elef erba' mija u tlettax-il euro u centezmu wiehed (€1,413.01), bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sad-data tal-hlas effettiv u finali.

---

[1] Giuseppe Gerada v. Salvu Attard (Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1959)

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri,kif ukoll mal-ittra ufficjali bin-numru 1024/21 ghandhom jithallsu mill-konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**